**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 48 – IT-TNEJN, 13 TA' LULJU 2015 FIS-5.45 PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

## 1. Approvazzjoni Minuti Numru 47

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti li joħorġu mill-Minuti

2.1 Rigward paragrafu 4.1 kien hemm diskussjoni fuq il-laqgħa li saret mar-Rappreżentanti tal-Kumpanija Guard and Warden House. Ġie innutat li ma kienx hemm aċċettazzjoni biex il-Kunsill jitħallas għax-xogħol li jagħmel biex jiġu bbukkjati wardens għal TMS. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jitwaqqfu l-bookings għal servizzi ta' TMS u talbiet bħal dawn jiġu riferuti direttament lill-Kumpanija Guard and Warden House. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

2.2 Rigward paragrafu 4.2 is-Sindku tkellem rigward il-laqgħa li saret mal-Ministru Joe Mizzi. Hu nforma lill-Kunsill li l-Ministru ġie nfurmat minn Kunsillier li mhux infurmat b'dak li qed jiġri fuq il-proġett ta' Ġnien Karin Grech. Għalhekk il-Ministeru ċemplu lil xi Kunsilliera laburisti biex jiġu mistiedna għal din il-laqgħa. Is-Sindku tkellem kif hu dejjem informa lill-Kunsill b'dak li qed isir u anke għal-laqgħa kulħadd kien mistieden. Il-kunsilliera prezenti qablu mal-istatement tas-sindku

## 3 Pagamenti Numru 42

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Tenders Pendenti

4.1 Ġbir ta' Skart Domestiku. Il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm żewġ appelli għal din it-Tender, għalhekk il-proċess ġie mwaqqaf sakemm jinstema' l-appell.

4.2 Knis u Tindif tat-Toroq. Il-Kunsill innota d-deċiżjoni tal-PCRB fejn il-Kunsill għandu jirrifondi l-ammont tad-depożitu kif ukoll jirrintegra lill-Kumpanija Euro Clean fil-proċess ta' evalwazzjoni. Il-Kunsill iltaqa' ma' din il-Kumpanija fit-8 ta' Lulju 2015. Kien hemm diskussjoni fuq ir-rapport ta' din il-laqgħa. Il-Kunsill innota li dan il-kuntrattur ma pprovdiex work plan dettaljata kif ukoll hemm dubju kemm jistgħu jiġu ddedikati sigħat għal dan il-xogħol bi prezz li ġie sottomess. Ġie deċiż li jintalab parir mill-Avukat tal-Kunsill.

4.3 Tender tal-Ġonna u Soft Areas. Ġie innutat li għad ma kienx hemm direzzjoni min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Għandha tintbagħat reminder.

Is-Sur Neville Mallia skuża ruħu mil-laqgħa fis-6.30pm

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni fuq talbiet biex Triq il-Venew tinfetaħ ghat-traffiku biex jonqos it-traffiku minn Triq l-Istefanotis. Ġie deċiż li dawn l-ittri jintbagħtu lil TM peress li huma responsabbli għal dawn ix-xogħlijet. L-awturi tal-ittri għandhom jiġu nfurmati b'dan.

5.2 Ġiet innutata talba biex jitwaħħal doggie bin fi Triq Akaċja peress li qed ikun hemm ħafna nies bil-klieb fis-soft area li mhux qed jiġbru wara l-kelb tagħhom. Ġie deċiż li dan id-doggie bin ma jitwaħħalx peress li hemm fil-viċinanzi u jitwaħħlu tabelli biex tnaddaf wara l-kelb tiegħek.

5.3 Ġiet innutata talba biex jinxtraw 100 injama għas-siġar għall-iScouts ta' San Ġwann. Dawn mighand ELC jiswew 8 Ewro l-waħda. Għandhom jinġabru 3 kwotazzjonijiet oħra.

5.4 Ġiet innutata risposta minn TM rigward ilment minn resident minn Triq ta' Żwejt. Din ir-risposta qegħda titlob għal suġġerimenti meta aħna tlabna suġġerimenti lil TM. Għandha terġa' tintbagħat lura lil TM.

5.5 Ġiet innutata l-invoice għat-trophies għat-tournament li sar flimkien ma' San Ġwann FC. Kien hemm żball f'din invoice u għandha tintalab oħra korretta. Kien hemm ukoll proposta minn San Ġwann FC biex għal Jum San Ġwann tas-sena d-dieħla jsru attivitajiet sportivi fil-pjazzez ta' San Ġwann. Ġie deċiż li l-Kunsilliera Trevor Fenech u Mikhail Micallef jitkellmu mal-klabb tal-football fuq dan.

5.6 Kien hemm diskussjoni fuq ilment rigward parkeġġ fi Triq il-Ħida. Din qed tilmenta li dawk li għandhom garage mhux qed jużawh bħala garage u qed jipparkjaw il-vettura tagħhom fit-triq. Il-Kunsill m'għandux l-awtorità li jitlob aċċess għal propjetà privata u kull karozza li għandha liċenzja tista' tipparkja f'kull triq.

5.7 Ġiet innutata korrispondenza minn Wirt San Ġwann. Ġie deċiż li s-sindku jghamel laqgħa magħhom

**6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

.

6.1 Kien hemm diskussjoni rigward pjanti biex parti minn Misraħ Lourdes titbaxxa. Il-Kunsill ma qabilx fuq dan.

6.2 Kien hemm diskussjoni fuq proposta biex Triq San Ġiljan issir aċċessibbli min-naħa tal-isptar fejn it-traffiku jkollu aċċess sa Triq San Ġużepp. Ġie deċiż li s-Sindku jikteb lil TM fuq dan.

6.3 Ġiet innutata talba għal 58 U bollards f'San Ġwann biex jintużaw għal reklamar. Ġie deċiż li jiġu aċċettati dawk li qegħdin fil-konfini u tiġi applikata l-bye law.

6.4 Kien hemm diskussjoni fuq id-dwal tal-Milied. Saret laqgħa preparatorja mal-kuntrattur u mar-Rappreżentati tal-Ħwienet ta' Triq in-Naxxar. Ġie stmat li l-ispiża globali għad-dawl tal-Milied fi Triq Naxxar għandha tkun ta' 1,500 Ewro li nofshom jitħallsu mill-Kunsill u nofshom jitħallsu mill-ħwienet. Fuq dan kien hemm qbil mill-Kunsill. Kien hemm diskussjoni wkoll biex jitwaħħlu dawl għall-Milied fil-pjazza wkoll. Kien hemm qbil fuq dan ukoll, u għandha ssir laqgħa oħra mal-kuntrattur fuq dan.

6.5 Kien hemm diskussjoni fuq l-attivitajiet tal-Milied. Ġie deċiż li jiġi organizzat Choir Competition u jiġu mistiedna l-Banda tal-Pulizija u l-armata. Kien hemm qbil ukoll li ssir talba biex din isir taħt il-Patronċinju tal-President ta' Malta.

6.6 Ġie deċiż li titwaħħal bollard fi Triq San Ġwann kantuniera ma' Triq Bella Vista peress li qed ikun hemm karozzi li jitilgħu fuq il-bankina.

6.7 Kien hemm diskussjoni fuq l-installazzjoni ta' cameras f'San Ġwann. Ġie deċiż li ssir talba lir-Reġjun Ċentrali biex jiġu nstallati cameras fi Triq in-Naxxar ħdejn il-Mensija Bar u oħra fi Triq il-Kampanella. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

6.8 Is-Sinjura Marica Bayliss ilmentat li qed ikun hemm attendenza fqira mill-Membri tal-Kunsill għall-attivitajiet mistiedna u anke għall-attivitajiet organizzati mill-Kunsill stess.

**7 Affarjiet Oħra**

7.1 Is-Sur Trevor Fenech ilmenta fuq ipparkjar illegali fi Triq San Franġisk. Hu issuġġerixxa li ssir un/loading bay f'din it-triq. Ġie deċiż li jsir rapport lill-Pulizija u lir-Reġjun fuq dan l-ipparkjar illegali.

Is-Sur Trevor Fenech skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.11pm.

7.2 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta fuq container li jinsab fi Triq il-Kampanella. Ġie deċiż li dan għandu jitneħħa. Hu lmenta fuq it-trab li jinsab fi Triq Birkirkara. Qed tintbagħat email kuljum fuq din is-sitwazzjoni.

7.3 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet fuq il-proposta biex issir gaġġa bl-għasafar fis-soft area fi Triq R Caruana Dingli. L-istima għal din hija 1500 Ewro. Ġie deċiż li din issir. Tkellmet ukoll fuq kaxxa bajda li saret fi Triq San Anard u kaxxa safra li saret fi Triq is-Santwarju li huma kontra l-linja gwida. Għandha ssir site visit fuq dawn. Għandu jsir rapport lill-Pulizija fuq garage/uffiċċju fi Triq Sant'Antnin li għandu "Garage no parking" imma hemm allegazzjoni li mhux qed jintuża ta' garage.

7.3.1 Ġie deċiż li terġa' ssir komunikazzjoni mal-GDP biex jieħdu azzjoni kontra dak li qed jokkupa biċċa art ħdejn il-Kappella tal-Propostru, fejn il-Kunsill qed

joġġezzjona li jsir xi permess għal din l-art. Ġie innutat ilment fejn hemm siġra fi Triq il-Hibiskus, li qed tagħmel ħsara lil terzi. Gie deciz li din ghandha tinqala Kien hemm qbil ukoll li tiġi aċċettata persuna bi bżonnijiet speċjali biex jieħu work experience fil-Kunsill.

7.4 Is-Sinjura Joan Farrugia ilmentat li hemm żewġ pot holes fi Triq l-Iskola u oħra fi Triq is-Santwarju. Hi nfurmat lill-Kunsill ukoll li hemm residenti fi Vjal ir-Riħan li qed jitfgħu l-borża tar-rubbish mill-gallarija.

7.5 Is-Sinjura Rita Saliba nfurmat lill-Kunsill li saret rampa illegali fi Triq il-Kapuċċini biex isir aċċess għal garage.

## 8 Għeluq il-Laqgħa

8.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Lulju 2015 fil-5.30 pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**